IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2021
COM(2021) 317 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Alġerija sakemm ikunu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-UE u l-Alġerija

ANNESS

DEĊIŻJONI Nru xx/2021 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-ALĠERIJA

ta' [dd/mm/yyy]

jaqblu dwar l-estensjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Alġerija

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-ALĠERIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Alġerija, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim Ewro-Mediterranju"),

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fit-22 ta' April 2002 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2005[1].

(2) L-Artikolu 94 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jieħu d-deċiżjonijiet xierqa għall-finijiet li jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim.

(3) Bid-Deċiżjoni Nru 1/2017 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tat-13 ta' Marzu 2017, l-UE u l-Alġerija qablu dwar Prijoritajiet ta' Sħubija biex jiggwidaw is-sħubija għall-perjodu 2016-20.

(4) Fi skambju ta' ittri, iż-żewġ partijiet qablu dwar il-validità kontinwa tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Alġerija bħala dokument ta' gwida biex tiġi kkonsolidata s-sħubija sakemm jiġu adottati Prijoritajiet ta' Sħubija aġġornati ġodda.

(5) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistipula l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir dan;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li jaġixxi bi proċedura bil-miktub, jiddeċiedi li l-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Alġerija annessi mad-Deċiżjoni tiegħu Nru 1/2017 tat-13 ta' Marzu 2017, jiġu estiżi sakemm jiġu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-UE u l-Alġerija.

[1] Il-Ftehim Ewro-Mediterranju jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra; ĠU L 265, 10.10.2005, p. 2–228

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi xx, [jum xahar sena].

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni